

32006R0939

24.6.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 172/13

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 939/2006**tat-23 ta' Ġunju 2006****li jiddefinixxi, għas-sena tas-suq 2006/2007, l-ammont ta' l-għajnuna għal-lanġas ta' l-ipproċessar**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati¹, u partikolarment l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1535/2003 tad-29 ta' Awissu 2003 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 rigward l-iskema ta' l-għajnuna għall-prodotti pproċessati mill-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel² jipprovdi li l-Kummissjoni, qabel il-15 ta' Ġunju, għandha tippubblika l-ammont ta' l-għajnuna applikabbli għal-lanġas ta' l-ipproċessar.
- (2) Il-medja tal-kwantitajiet ta' lanġas li ġew ipproċessati fil-kuntest tas-sistema ta' l-għajnuna matul it-tliet snin tas-suq preċedenti taqbeż il-limitu Komunitarju bi 8 574 tunnellata.
- (3) Għall-Istati Membri li qabżu l-livell massimu tagħhom ta' l-ipproċessar, l-ammont ta' l-għajnuna għal-lanġas ta' l-ipproċessar għas-sena tas-suq 2006/2007 għaldaqstant għandu jiġi emendat fir-rigward tal-livell definit bl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96, skond l-Artikolu 5(2) tar-Regolament imsemmi.
- (4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-kumitat ta' ġestjoni għall-prodotti pproċessati abbażi tal-frott u l-ħxejjex,

¹ ĠU L 297, 21.11.1996, p. 29. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 386/2004 (ĠU L 64, 2.3.2004, p. 25).

² ĠU L 218, 30.8.2003, p. 14. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1663/2005 (ĠU L 167, 12.10.2005, p. 22).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għas-sena tas-suq 2006/2007, l-ammont ta' l-għajjnuna għal-lanġas skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2201/96 huwa ta':

- EUR 161,70 it-tunnellata fir-Repubblika Ċeka,
- EUR 101,58 it-tunnellata fil-Greċja,
- EUR 150,77 it-tunnellata fi Spanja,
- EUR 161,70 it-tunnellata fi Franza,
- EUR 148,47 it-tunnellata fl-Italja,
- EUR 161,70 it-tunnellata fl-Ungerija,
- EUR 41,99 it-tunnellata fl-Olanda,
- EUR 161,70 it-tunnellata fl-Awstrija,
- EUR 161,70 it-tunnellata fil-Portugall.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Ġunju 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni